MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 196/2019LM

**Ludgarda Zammit (K.I. nru. 193955(M)) u żewġha Martin Zammit għal kull interess li jista' jkollu bħala komparteċipi fil-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-atturi u permezz ta' digriet tat-18 ta' Novembru, 2021, l-atti ġew trasfużi f'isem Ludgarda Zammit stante l-mewt ta' żewġha Martin Zammit**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Citadel Insurance p.l.c.**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Ludgarda Zammit (K.I. nru. 193955 (M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mis-sentenza mogħtija fis-7 ta'

Ottubru, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem ‘l-ewwel Qorti’], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tagħha fil-konfront tas-soċjetà intimata **Citadel Insurance p.l.c.** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’] billi ċaħdet it-talba tagħha, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni ġaladarba din kienet ġiet sorvolata fil-mori, caħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjoni u laqgħet ir-raba’ eċċezzjoni tas-soċjetà appellata.

**<u>Fatti</u>**

2. Jirriżulta li l-appellanta kellha polza tal-assigurazzjoni bin-numru PCRC/490/16/106166 maħruġa favur tagħha mis-soċjetà appellata b’kopertura fuq il-vettura tal-għamla FIAT numru ta’ reġistrazzjoni BCF-939. L-istess vettura nsterqet minn ġewwa l-garaxx tal-appellanta ġewwa ‘Verdala Mansions’, Triq Inguanez, Rabat, filwaqt li din kellha ċ-ċavetta ġo fiha. Għalhekk l-appellanta invokat id-dritt tagħha ta’ ħlas tal-valur tal-vettura taħt l-imsemmija polza ta’ assigurazzjoni, iżda s-soċjetà appellata rrifjutat li tagħmel id-debitu ħlas, billi applikat klawsola ta’ esklużjoni taħt il-polza ta’ assigurazzjoni li kienet titlob li l-vettura ma titħalliex biċ-ċavetta ġewwa fiha.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta istitwiet dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta’ avviż fit-12 ta’ Settembru, 2019, fejn ħarrket lis-soċjetà appellata sabiex tgħid għaliex m’għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti:

*"...tħallas is-somma ta' għaxart elef (€10,000) ewro rappreżentanti l-valur tal-vettura tal-għamla Fiat 500 bin-numru tar-reġistrazzjoni BCF-939, li ġiet misruqa minn ġewwa l-garaxx numru 4 ta' l-istess indirizz, u dan a tenut tal-polza ta' l-assigurazzjoni bin-numru PCRC/490/16/106166 iffirmat bejnkom u l-attriċi. Bl-ispejjes u bl-imgħax minn notifika ta' dan l-avviż. Bis-subbizzjoni tas-soċjetà ntimata."*

4. Is-soċjetà appellata ppreżentat rikors quddiem l-ewwel Qorti fis-16 ta' Ottubru, 2019, fejn talbitha sabiex jogħġobha:

*"1) Tordna li jitwaqqfu l-proċeduri quddiemha, u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2) F'każ li l-ewwel talba ma tintlaqax, tawtorizza lill-esponenti tintavola l-eċċezzjonijiet tagħha f'terminu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti;*

*Bl-ispejjez ta' dan l-episodju a karigu tal-atturi".*

**5.** L-appellanta wieġbet billi talbet lill-ewwel Qorti sabiex jogħġobha:

*"1) Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat li qajjmet skont l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*2) Taċċetta l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti;*
*3) Tordna l-kontinwazzjoni tal-kawża fuq il-mertu;*
*4) Tawtorizza lill-intimata sabiex tintavola l-eċċezzjonijiet fuq il-mertu, u dan f'terminu li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

**6.** Fis-sentenza preliminari tagħha tat-3 ta' Lulju, 2020, l-ewwel Qorti ddeċidiet ir-rikors tas-soċjetà appellata billi ċaħditu, u ordnat il-prosegwiment tal-kawża u kkonċediet lill-imsemmija soċjetà appellata għoxrin jum sabiex tippreżenta r-risposta tagħha.

7. Is-soċjetà appellata intavolat it-tweġiba tagħha fid-9 ta' Lulju, 2020 fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi, preliminarjament, persuna mhux identifikata bħal ma hu żewġ l-attriċi, ma jistax jipproponi azzjoni ġudizzjarja, u għaldaqstant, l-Avviż promotur, u konsegwentement l-azzjoni odjerna hija nulla in kwantu ma tirrispekkjax il-formalitajiet imposti mill-Artikolu 174(1)(b) u (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi eċċepit in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ma' żewġ l-attriċi, u dan stante li r-relazzjoni fuq il-polza ta' assigurazzjoni indikata mill-atturi hija bejn l-eċċepjenti u l-attriċi biss;*

*3. Illi, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi għandhom jirregolaw ruħhom fuq din il-kawża stante illi jidher illi l-vettura de quo instabet u l-*claim *tagħhom, u l-pretensjoni tagħhom f'din il-kawża għandhom jiġu rtirati;*

*4. Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-eċċepjenti kienet ġustifikata tirrifjuta l-*claim *u talba tal-attriċi, u dan stante t-traskuraġni tal-attriċi, u li japplikaw l-esklużjonijiet fil-polza tal-assigurazzjoni li jeżentaw lill-eċċepjenti mill-ħlas ta' kwalunkwe somma lill-atturi;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

8. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Ikkunsidrat:***

*Illi mill-provi mressqa jirriżulta illi fil-11 ta' Ottubru 2017 ġiet misruqa l-vettura tal-attriċi minn ġo garaxx li jinsab fis-sotterran tal-blokka appartamenti fejn toqgħod.*

*L-attriċi tispjega li r-raġel tagħha kien daħal fil-garaxx in kwistjoni fejn daħħal il-mutur tiegħu biswit il-vettura in kwistjoni u għalaq il-bieb tal-garaxx bir-*remote*. Tispjega li iktar tard huma niżlu fil-garaxx biex joħorġu u skoprew li l-vettura ma kinitx għadha fil-garaxx. Tispjega li ġew nieqsa wkoll madwar ħamsin (50) mudell ta' vetturi żgħar li kienu f'vetrina. Madanakollu l-muturi ta' żewġha kienu għadhom fil-garaxx. Spjegat li huma mill-ewwel infurmaw lill-Pulizija u rriżulta li l-vettura kienet insterqet minn persuni mhux magħrufa għall-ħabta tal-5.30pm. Għalhekk huma infurmaw lis-soċjetà assikuratriċi b'dan l-akkadut.*

*Tispjega li meta hi għamlet il-*claim*, is-soċjetà konvenuta infurmatha li stante li kienet ħalliet iċ-ċavetta fil-vettura, ma kinitx koperta bil-polza ta' assikurazzjoni. Tgħid però li fil-waqt tas-serqa, l-garaxx kien imsakkar, liema garaxx jinsab fi blokka residenzjali. L-attriċi stqarret illi fil-21 ta' Ġunju 2020 kienet ġiet infurmata mill-Pulizija li l-vettura kienet instabet ġewwa Ħaż-Żebbuġ u stante li kien hemm inkjesta maġisterjali, l-vettura ttieħdet fil-kustodja tal-Pulizija.*

*Dr. Jonathan Gatt, legal officer mas-soċjetà konvenuta, stqarr illi l-attriċi kellha polza tal-assikurazzjoni tat-tip* comprehensive*. Spjega li siċċome` rriżulta li l-attriċi kienet ħalliet iċ-ċwievet fil-vettura meta seħħet is-serqa, is-soċjetà konvenuta applikat il-*general exclusion clause*, u ċioe` li din is-serqa ma kinitx koperta bil-polza tal-assikurazzjoni stante li ċ-ċavetta tħalliet fil-vettura. Ix-xhud jagħmel referenza għall-video esebit mal-affidavit tal-attriċi fejn ġie muri li l-bieb tal-garaxx fejn kienet il-vettura in kwistjoni, kien jinfetaħ jew bir-*remote *jew manwalment. Ix-xhud spjega li r-raġel tal-attriċi, fl-atti tal-inkjesta maġisterjali, kien qal li l-bieb tal-garaxx seta' jinfetaħ jekk jagħmel ftit saħħa b'idejh.*

*Fuq mistoqsija in kontro-eżami, ix-xhud spjega li fl-ebda mument vettura ma tista' titħalla biċ-ċwievet ġo fiha, la f'post pubbliku u lanqas f'wieħed privat.*

*Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-proċess verbal li sar fl-inkjesta maġisterjali (fn. 1 A* fol. *155* et sequitur) *u wkoll estratt minn polza ta' assikurazzjoni. (fn. A fol. 169)*

***Ikkunsidrat :***

*Illi l-Qorti se tibda biex tissorvola l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta.*

*Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni ġie eċċepit illi persuna mhux identifikata bħal ma hu żewġ l-attriċi ma jistax jipproponi azzjoni ġudizzjarja. Illi permezz ta' talba magħmula fit-23 ta' Novembru 2020, id-difensur tal-attriċi talab korrezzjoni fis-sens li jiżdied isem żewġ l-attriċi u ċioe` Martin Zammit. Din it-talba ġiet milqugħa u għalhekk din l-eċċezzjoni illum hija sorvolata.*

*Permezz tat-tieni eċċezzjoni, is-soċjeta` konvenuta eċċepiet in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ma' żewġ l-attriċi u dan stante li l-polza ta' assikurazzjoni kienet bejn l-attriċi u s-soċjetà konvenuta. Illi fil-mori tal-kawża ġie nieqes żewġ l-attriċi u l-atti ġew trasfrużi esklussivament f'isem l-attriċi. Illi minkejja dan, il-Qorti hija tal-fehma illi żewġ l-attriċi kellu nteress ġuridiku li jippromwovi l-kawża odjerna stante li l-vettura kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kwalunkwe rikavat li seta' jkun hemm mill-polza tal-assikurazzjoni kien jispetta wkoll lilu. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.*

*Illi permezz tat-tielet eċċezzjoni, s-soċjetà konvenuta eċċepiet li l-atturi kellhom jirregolaw rwieħhom ladarba l-vettura instabet u li għalhekk il-pretensjoni tagħhom kellha tiġi rtirata. Illi sa kemm din il-Qorti waslet biex tikteb is-sentenza, l-informazzjoni li ngħatat kienet li filwaqt li huwa minnu li l-vettura nstabet, tant li saret perizja dwarha, ma jirriżultax li din qatt reġgħet ġiet fil-pussess tal-attriċi, minkejja li hija għamlet dak kollu possibbli biex tikseb tali pussess. Għaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi, fiċċirkostanzi kif żviluppaw, u minkejja li l-vettura kienet instabet, l-attriċi kellha l-pretensjoni tagħha sodisfatta mod ieħor. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.*

*Illi għalhekk il-Qorti se tinvesti l-mertu, u ċioe` jekk l-attriċi għandhiex raġun titlob li s-soċjetà konvenuta tonora l-polza ta' assikurazzjoni li kienet tkopri l-vettura in kwistjoni.*

*Illi ma jirriżultax kontestat illi ċ-ċwievet tal-vettura in kwistjoni kienu tħallew fl-istess vettura. Li huwa kontestat huwa l-fatt jekk iċ-ċirkostanzi li fihom insterqet il-vettura jagħtux dritt lis-soċjetà konvenuta ma tonorax l-obbligi tagħha li tħallas lill-attriċi l-prezz kopert bil-polza tal-assikurazzjoni.*

*L-attriċi tissottometti illi s-soċjetà konvenuta ma kellhiex raġun tapplika l-*exclusion clause *li permezz tagħha eżonerat ruħha milli tħallasha l-valur tal-vettura misruqa. Dana għaliex, skont hi, l-vettura kienet f'garaxx privat, imsakkar b'bieb li jingħalaq bir-*remote control *li taċċedi għalih minn bieb ta' entratura komuni li wkoll jingħalaq bir-*remote control. *Illi dan kollu ġie viżwalizzat minn din il-Qorti permezz tal-filmat esebit mill-istess attriċi. (fn. 3 A fol. 146)*

*Illi din il-Qorti però tosserva illi l-bieb tal-garaxx in kwistjoni ma nstab ebda sgass fuqu. Di più kif jirriżulta mill-atti tal-proċess verbal esebit in atti, jirriżulta li a tempo vergine żewġ l-attriċi kien xehed illi l-bieb tal-istess garaxx seta' jinfetaħ jekk wieħed jagħmel ftit sforz manwali. Fil-fatt, a fol. 5 tal-proċess verbal insibu s-segwenti, u ċioe`:*

«L-inkwirenti kkonstata li fuq il-bieb tal-garaxx numru erbgħa (4) f'kumpless ta' garaxxijiet sitwati taħt l-`Verdala Mansions`, fi Triq Inguanez, Rabat, hemm pum iswed w id-derubat Martin Zammit informa lil inkwirenti li l-bieb tal-garaxx numru erbgħa (4) mhuwiex sikur ħafna u anke mingħajr ċavetta wieħed seta' faċilment jiftaħ l-imsemmi bieb tal-garaxx numru erbgħa (4).»

*Illi, għalkemm Martin Zammit ma xehedx f'dawn il-proċeduri, anke għaliex huwa ġie nieqes fil-mori, din il-Qorti ma tistax ma tagħtix id-debitu piż lil din id-dikjarazzjoni ġuramentata li huwa ta fil-kors tal-inkjesta maġisterjali.*

*Illi l-Qorti tosserva illi għalkemm l-attriċi ssostni li bl-ebda mod il-bieb tal-garaxx ma seta' jinfetaħ jekk mhux biċ-ċavetta jew bir-*remote control*, jirriżulta li l-istess bieb infetaħ mingħajr ma sofra ebda ħsarat. Kwindi min fetaħ l-istess bieb biex seraq il-vettura in kwistjoni ma wettaq ebda sgass. Illi din il-Qorti, għalhekk, stante li qatt ma ġie allegat li kienu nsterqu ċ-ċwievet jew ir-*remote control *tal-bieb tal-garaxx, ma tista' tasal fl-ebda konkluzzjoni loġika oħra ħlief li l-bieb infetaħ manwalment u li din kienet xi ħaġa li setgħet issir mingħajr ma ssir ħsara fuq l-istess bieb.*

*Illi għalhekk din il-Qorti trid tara jekk fil-kwadru ta' dawn il-fatti, is-soċjetà konvenuta għandhiex raġun teċċepixxi li kienet pjenament ġustifikata tirrifjuta l-pretensjoni tal-attriċi u applikat l-esklużjoni tal-polza tal-assigurazzjoni li teżentaha mill-ħlas ta' kwalunkwe somma.*

*Illi l-klawsola in kwistjoni taqra hekk :*

Exclusion to Section 1

You are not covered for:

…

8. Loss of or damage to Your Car by theft or attempted theft if You or anyone else has left it unlocked or unattended with keys or keyless entry system in it, or on it.

*Illi s-soċjetà konvenuta targumenta illi fil-fatt l-attriċi kienet negliġenti meta ħalliet iċ-ċwievet fil-vettura tagħha, anke jekk din kienet ġo garaxx privat. Min-naħa l-oħra, l-attriċi ssostni li ladarba l-garaxx kien wieħed privat u magħluq, allura hija ma naqsitx mill-obbligi tagħha taħt il-polza in kwistjoni.*

*Illi l-Qorti tosserva illi ebda parti f'dawn il-proċeduri ma pprovdiet il-polza ta' assikurazzjoni proprja illi l-attriċi u s-soċjetà konvenuta iffirmaw. Madanakollu s-soċjetà konvenuta ppreżentat kopja ta' polza ta' assikurazzjoni li toħroġ għal kull assigurat tagħha. Illi, ghalkemm fis-sottomissjonijiet finali, id-difensur tal-attriċi ġibed l-attenzjoni għall-fatt li s-soċjetà konvenuta ma pprovdietx il-polza relatata mal-vettura in kwistjoni, min-naħa l-oħra bl-ebda mod ma ġie kontestat illi l-polza esebita da parti tas-soċjetà konvenuta ma kinitx tirrifletti dak li ftehmu fuqu l-partijiet, inkluż l-eskluzjonijiet. Illi jekk xejn, il-Qorti hija tal-fehma illi kien jispetta lill-attriċi tipproduċi prova tal-polza abbażi ta' liema kienet qiegħda tressaq il-pretensjoni tagħha, liema polza, jekk ma kinitx fil-pussess tagħha, setgħet titlobha mingħand is-soċjetà konvenuta. Però, l-Qorti tqis illi m'għandhiex għalfejn tkompli tiddibatti fuq dan il-punt stante li l-kontestazzjoni mhix tant dwar jekk teżistix o meno l-esklużjoni imma dwar kif se tiġi interpretata l-esklużjoni fil-każ partikolari.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-esklużjoni għandha tiġi interpretata bl-uniku mod loġiku li tista' tiġi interpretata. Is-soċjetà konvenuta, permezz tal-esklużjoni ċitata, eżimiet ruħha minn kwalunkwe obbligu li tipprovdi vettura ġdida jew kumpens tal-valur tal-vettura, jekk l-istess vettura tiġi misruqa meta din tkun tħalliet miftuħa u biċ-ċwievet ġo fiha. Din l-esklużjoni ma tapplikax biss meta l-vettura titħalla f'postijiet pubbliċi, imma tapplika b'mod ġenerali kull fejn tkun qiegħda pparkjata, inkluż ġo garaxx magħluq. Il-Qorti tifhem illi l-fatt li ċ-ċwievet jitħallew f'vettura jagħmluha iktar faċli għal min irid jisraqha u huwa għalhekk li s-soċjetajiet assikuratiċi jeżimu ruħhom minn kwalunkwe responsabbilità f'każijiet simili għal dak odjern. Min-naħa tiegħu is-sid irid jeżerċita dik id-diliġenza ta'* bonus paterfamilias *u jieħu ħsieb ħwejjġu b'dik il-prudenza li ma tikkontribwixxix għall-fatt dannuż. Illi fil-fehma tal-Qorti, filwaqt li l-attriċi setgħet kienet tal-fehma illi setgħet tħalli ċ-ċavetta fil-vettura tagħha fil-garaxx privat tagħha, ladarba rriżulta li l-aċċess għall-istess vettura kien wieħed daqshekk faċli, tant li lanqas sgass ma kien hemm, allura l-fatti juru li kien hemm negliġenza da parti tagħha, u dan għaliex kif qal żewġha, l-bieb kien jinfetaħ manwalment bi sforz minimu jew inkella l-bieb tħalla mhux imsakkar. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis li kien hemm nuqqas, anke jekk ċertament mhux b'mod volontarju, da parti tal-attriċi.*

*Għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjeta` konvenuta kellha raġun tirrifjuta li tonora l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni."*

## **<u>L-Appell</u>**

9. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-21 ta' Ottubru, 2022, fejn qed titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-ewwel Qorti għamlet osservazzjonijiet legali żbaljati jew infondati, iżda wkoll għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-fatti rilevanti li wassluha għad-deċiżjoni tagħha.

10. Is-soċjetà appellata ppreżentat it-tweġiba tagħha fl-14 ta' Novembru, 2022 fejn issottomettiet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fl-imsemmija tweġiba.

## **Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata fir-risposta tagħha.

12. L-appellanta qegħda tikkontendi li l-ewwel Qorti għamlet osservazzjonijiet ta' natura legali li huma żbaljati jew infondati, u anki interpretat ħażin il-fatti rilevanti li wassluha għad-deċiżjoni finali. Tirrileva li l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-fatt li hija kienet ħalliet il-vettura tagħha f'garaxx privat biċ-ċwievet ġewwa fiha fejn il-bieb tal-garaxx seta' jinfetaħ faċilment, kien juri negliġenza min-naħa tagħha, u għalhekk skont il-polza ta' assikurazzjoni, is-soċjetà appellata kellha dritt li teħles minn kull obbligazzjoni. Issostni li għalkemm huwa minnu li r-raġel tagħha waqt inkjesta maġisterjali kien xehed li l-bieb tal-garaxx seta' jinfetaħ manwalment bi ftit saħħa, dan ma kellux iwassal sabiex hija titqies bħala komparteċipi fis-serqa tal-vettura minħabba traskuraġni. L-appellanta targumenta li l-bieb tal-garaxx infetaħ abbużivament u bl-użu ta' forza, u l-fatt li ma kienx hemm sinjal ta' ħsara, ma kienx ifisser li dan ma kienx ġie żgassat. Tinsisti li mhux minnu dak li qalet l-ewwel Qorti li hija ma kinitx eżerċitat il-kura ta' *bonus paterfamilias,* għaliex hija kienet ħalliet il-vettura f'post li għandu jitqies mill-iktar sikur. L-appellanta tkompli targumenta, u dan mingħajr preġudizzju għal dak li appena ssottomettiet, li r-rapport ta' assigurazzjoni ma jirriżultax mill-polza ta' assigurazzjoni li s-soċjetà appellata ppreżentat fl-atti, u dan għaliex id-dokument mhux iffirmat kif għandu jkun kull kuntratt. Hawnhekk hija tagħmel

riferiment għal dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari tagħha dwar il-kwistjoni tal-preżentata tal-polza ta' assikurazzjoni, wara li s-soċjetà appellata invokat klawsola arbitrali. Tirrileva li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tas-soċjetà appellata għaliex din ma kinitx esebiet id-dokument debitament iffirmat, u tinsisti li dan l-istess raġunament kellu japplika fejn l-imsemmija soċjetà appellata kienet qegħda tinvoka l-esklużjoni mir-responsabbiltà kif imsejsa fuq l-istess dokument. L-appellanta tirrileva li ma kienx jispetta lilha li tressaq prova dwar l-eżistenza tal-klawsoli ta' esklużjoni ta' responsabbiltà, u ġaladarba din tqajmet mis-soċjetà intimata, kien jispetta lilha li turi li dawn japplikaw fil-konfront tagħha. Tikkontendi li qatt ma kien ġie ndikat lilha xi limitazzjoni ta' responsabbiltà min-naħa tas-soċjetà appellata, u din kienet qegħda tressaq l-eċċezzjoni mingħajr kwalunkwe prova tal-ftehim kuntrattwali aċċettat ukoll mill-appellanta. Tkompli tgħid li l-ewwel Qorti żbaljat ukoll meta qalet *"...stante li l-kontestazzjoni mhix tant dwar jekk teżistix o meno l-esklużjoni imma dwar kif se tiġi interpretata l-esklużjoni fil-każ partikolari."* Għalqet billi ddikjarat li mill-bidunett hija kienet ikkontestat l-eżistenza tad-dokument innifsu.

13. Min-naħa tagħha, is-soċjetà appellata tikkontendi li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma. Wara li tagħmel diversi osservazzjonijiet dwar il-kuntratt ta' assigurazzjoni, u tispjega li l-kuntratt bejn il-partijiet jirriżulta mill-offerta jew *proposal form* li timtela mill-persuna li qegħda tfittex assigurazzjoni għall-vettura tagħha, u mill-aċċettazzjoni jew *cover note* li tinħareġ mill-assiguratur u tiġi ffirmatha minnu biss. Hija tiċċita klawsola mill-imsemmija *proposal form* u anki wieħed min-notamenti tagħha, u tirrileva li l-assigurat hawnhekk ikun qiegħed jaċċetta li l-polza ser toħroġ

skont il-kundizzjonijiet kollha li hemm fil-*policy document,* mingħajr il-fakoltà li jagħżel liema klawsoli għandhom ikunu applikabbli. Is-soċjetà appellanta tispjega li fil-każ odjern il-*policy document* jinsab esebit a *fol.* 9 *et seq.* tal-proċess u jifforma parti ntegrali mill-polza ta' assigurazzjoni. Tispjega wkoll li l-imsemmi dokument fih il-kundizzjonijiet kollha marbuta mal-assigurazzjoni, u jikkonsisti fi ktejjeb li huwa *"mass produced"* u japplika fir-rigward ta' kull polza ta' assigurazzjoni ta' vettura li toħroġ is-soċjetà appellata minn żmien għal żmien. Is-soċjetà appellata tgħid li l-kopertura hawn hija waħda *'standard',* u kull varjazzjoni tkun indikata espressament bħala '*endorsement'.* Tgħid li l-klawsola in kwistjoni tinsab esebita a *fol.* 169 tal-proċess, u tgħaddi sabiex tiċċita l-parti rilevanti, filwaqt li ssostni li din ma toffriex kopertura fejn il-vettura meta nsterqet, tkun fejn tkun, tkun tħalliet miftuħa u biċ-ċavetta ġo fiha. Tirrileva li l-appellanta saħansitra kienet iddikjarat li hija ma kinitx qegħda tikkontesta l-fatt li l-vettura tħalliet biċ-ċavetta ġo fiha, u tgħid li huwa dan il-fatt li huwa mportanti għall-fini tal-klawsola ċitata. Għalhekk tgħid li l-analiżi tal-ewwel Qorti kienet korretta. Is-soċjetà appellata tagħlaq billi tispjega li l-vettura kienet sussegwentement instabet mill-Pulizija f'Ġunju 2020 u l-Espert Tekniku Mario Buttigieg kien sabha f'kundizzjoni tajba, u b'hekk l-appellanta setgħet tieħu lura l-vettura tagħha. Madankollu sallum, dan naqset milli tagħmlu.

14. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u tajba. L-ewwel Qorti sewwa għarfet qabel xejn li ma kienx ikkontestat il-fatt li ċ-ċwievet kienu tħallew fil-vettura, u li l-kontestazzjoni pjuttost kienet dwar jekk iċ-ċirkostanzi tawx lok sabiex is-soċjetà appellata setgħet tevita l-obbligi tagħha

ta' ħlas tal-prezz kopert permezz tal-polza ta' assigurazzjoni. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li ma jidhirx li quddiem l-ewwel Qorti l-appellanta kienet qegħda saħansitra tikkontendi li dak li kienet qegħda ssostni s-soċjetà appellata li l-polza ta' assigurazzjoni ma kinitx iffirmata mill-partijiet, argument tgħid il-Qorti ġdid għal kollox, u li qed isir għall-ewwel darba f'dawn il-proċeduri ta' appell. Huwa sew magħruf fil-ġurisprudenza li mhux permess li jitressqu argumenti ġodda quddiem qorti ta' appell, għaliex dan iċaħħad lill-parti l-oħra mid-dritt tad-doppju eżami tal-kwistjoni sollevata. Għaldaqstant, dan l-argument tal-appellanta ma jistax jiġi nvestigat.

15. Tkompli tgħid l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata tagħha, li l-appellanta kienet qegħda tikkontendi li s-soċjetà appellata ma setgħetx tapplika l-*exclusion clause* sabiex teħles mill-obbligu tal-ħlas tal-valur tal-vettura misruqa, ġaladarba din kienet tinstab f'garaxx privat, imsakkar b'bieb li jingħalaq bir-*remote control* li tidħol għalih minn bieb ta' entratura komuni, li wkoll jingħalaq bir-*remote control.* L-ewwel Qorti hawnhekk għamlet osservazzjoni ferm importanti, fejn qalet li ma kien instab l-ebda sinjal ta' żgass fuq il-bieb tal-garaxx fejn kienet il-vettura, iżda wkoll skont l-atti tal-*proces verbal* esebit, irriżulta li *a tempo vergine* ir-raġel tal-appellanta kien stqarr li l-istess bieb seta' jinfetaħ bl-idejn bi ftit saħħa. Ikkunsidrat il-fatt li dan ma kienx xehed quddiemha, stante wkoll li huwa kien ġie nieqes fil-mori tal-imsemmija proċeduri, iżda madankollu hija ma setgħetx tiskarta din id-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu. L-ewwel Qorti osservat li l-bieb in kwistjoni ma kien ġarrab l-ebda ħsarat, u għalhekk korrettement ikkunsidrat li ma kien jirriżulta l-ebda żgass. Qalet li stante li l-appellanta qatt ma allegat li ċ-ċwievet tal-bieb jew ir-*remote control* tiegħu kienu nsterqu, l-unika konklużjoni li setgħet tasal għaliha

kienet li l-bieb kien infetaħ manwalment mingħajr ħsara. Wara li ċċitat il-klawsola rilevanti li permezz tagħha s-soċjetà appellata setgħet tinvoka l-esklużjoni tal-obbligu tagħha tal-ħlas, l-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll dak li kienet qegħda ssostni fuqu s-soċjetà appellata, li l-appellanta kienet negliġenti meta ħalliet iċ-ċwievet fil-vettura tagħha, anki jekk din kienet f'garaxx privat. Ikkunsidrat ukoll li l-appellanta kienet qegħda targumenta li ġaladarba l-garaxx kien wieħed privat u magħluq, hija ma kinitx naqset mill-obbligi tagħha taħt il-polza ta' assigurazzjoni.

16. L-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li l-ebda parti ma kienet esebiet il-polza ta' assikurazzjoni proprja li huma ffirmaw bejniethom, u dan filwaqt li s-soċjetà appellata kienet ippreżentat kopja ta' dik li tinħareġ lil kull assigurat tagħha. Sewwa qalet imbagħad l-ewwel Qorti li l-appellanta ma kkontestatx il-fatt li tali dokument kien xhieda ta' dak li l-partijiet ftehmu bejniethom, anki l-esklużjonijiet hemm imfissra, u hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak senjalat iktar qabel f'din is-sentenza dwar l-argument li qegħda tressaq illum l-appellanta dwar il-fatt li s-soċjetà appellata naqset milli tippreżenta polza ffirmata. Ikkunsidrat li l-appellanta kienet saħansitra tenuta tesebixxi prova tal-polza li fuqha hija kienet qegħda sserraħ il-pretensjoni tagħha, u jekk din ma kinitx fil-pussess tagħha l-Qorti ppretendiet li kellha titlobha mingħand is-soċjetà appellata.

17. Imbagħad l-ewwel Qorti ddikjarat li fil-fehma tagħha l-esklużjoni kellha tiġi nterpretata bl-uniku mod loġiku li tista' tiġi nterpretata. Qalet li l-esklużjoni kienet tapplika b'mod ġenerali fir-rigward ta' kull fejn il-vettura setgħet tkun qegħda pparkeġġjata, anki f'garaxx magħluq. Il-Qorti tikkondividi dan il-ħsieb

tal-ewwel Qorti, filwaqt li tikkunsidra li l-esklużjoni fil-polza ta' assigurazzjoni hija waħda ċara u ma tħalli l-ebda lok għal interpretazzjoni. L-ewwel Qorti rrilevat li l-fatt li ċ-ċwievet jitħallew fil-vettura kien jagħmel is-serq tagħha iktar faċli, u kien għalhekk li s-soċjetajiet assiguratriċi jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà f'każ bħal dak odjern. L-ewwel Qorti kkunsidrat li min-naħa tiegħu s-sid kellu juri id-diliġenza ta' *bonus paterfamilias* billi jieħu ħsieb l-affarijiet tiegħu bil-prudenza neċessarja li ma tikkontribwixxix għall-fatt dannuż. Qalet li ġaladarba kien irriżulta li l-aċċess għall-vettura tal-appellanta kien wieħed faċli fejn saħansitra lanqas żgass ma rriżulta, dan kien juri li kien hemm negliġenza min-naħa tal-appellanta, anki jekk mhux volontarja. B'hekk l-ewwel Qorti ddikjarat li s-soċjetà appellata kellha raġun li tirrifjuta li tonora l-polza ta' assigurazzjoni.

18. Din il-Qorti taqbel mal-fehma tal-ewwel Qorti u tgħid li m'għandhiex iktar x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet ċari u preċiżi ta' dik il-Qorti, u dan dwar kwistjoni li wara kollox hija pjuttost sempliċi, ġaladarba tistrieħ fuq interpretazzjoni ta' klawsola fil-polza ta' assigurazzjoni, li ma tħalli l-ebda dubju dwar l-intendiment tagħha.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, anki fir-rigward tal-ħlas tal-ispejjeż tal-ewwel istanza. L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-imsemmija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**